32006D0008(01)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ BiH/8/2006

tal-15 ta' Marzu 2006

li temenda d-Deċiżjoni BiH/1/2004 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnia u Ħerzegovina u d-Deċiżjoni BiH/3/2004 dwar it-twaqqif tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina

(2006/267/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni BiH/1/2004 [1] fil-21 ta' Settembru 2004 u d-Deċiżjoni BiH/3/2004 fid-29 ta' Settembru 2004 [2].

(2) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE dwar il-kontribuzzjoni tar-Repubblika *ex*-Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMC) qabel li jirrakkomanda lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sabiex jaċċetta l-kontribuzzjoni tar-Repubblika *ex*-Jugoslava tal-Maċedonja.

(3) Konformement ma' l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Għalhekk, id-Danimarka ma tipparteċipax fil-finanzjament ta' l-operazzjoni.

(4) Il-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 adotta Dikjarazzjoni li stqarret li l-arranġamenti "Berlin Plus" u l-implementazzjoni tagħhom sejrin japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri ta' l-UE li huma wkoll membri tan-NATO jew Partijiet għall-"Isħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehim bilaterali ta' sigurtà man-NATO,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness mad-Deċiżjoni BiH/1/2004 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*ANNESS*

LISTA TA' STATI TERZI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

— Albanija

— Arġentina

— Bulgarija

— Kanada

— Ċilì

— Repubblika *ex*-Jugoslava tal-Maċedonja

— Marokk

— New Zealand

— Norveġja

— Rumanija

— Żvizzera

— Turkija".

[1] ĠU L 324, 27.10.2004, p. 20. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni BiH/5/2004 (ĠU L 357, 2.12.2004, p. 39).

[2] ĠU L 325, 28.10.2004, p. 64. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni BiH/5/2004.

Artikolu 2

L-Anness mad-Deċiżjoni BiH/3/2004 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS

LISTA TA' STATI TERZI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(1)

— Albanija

— Arġentina

— Bulgarija

— Kanada

— Ċilì

— Repubblika *ex*-Jugoslava tal-Maċedonja

— Marokk

— New Zealand

— Norveġja

— Rumanija

— Żvizzera

— Turkija".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Maghmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Marzu 2006.

Ghall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
F. J. KUGLITSCH